MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2010

Numru 17/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

***... omissis ...***
**Clayton Galea**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fil-21 ta' Lulju 2006 kontra *omissis* u Clayton Galea li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzahom talli (1) assocjaw ruhhom ma' persuni ohra

f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jittraffikaw medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni; (2) kellhom fil-pussess taghhom id-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza kontra l-ligi u f'cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom[1];

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-3 ta' April 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-imsemmi Clayton Galea hati skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza, u b'seba' (7) voti favur u zewg voti (2) kontra sabuh mhux hati skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza, iddikjarat lill-istess Clayton Galea:

(1) hati talli fiz-Zejtun u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fit-12 ta' Lulju 2004 u fil-granet ta' qabel din id-data, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dan skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

(2) mhux hati tat-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza u konsegwentement lliberatu minnu;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(b), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-Artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Clayton Galea ghall-piena ta' sitt (6) snin prigunerija,

---

[1] L-Att ta' Akkuza kien jikkontjeni zewg Kapi ohra li pero` kienu jikkoncernaw biss lill-ko-akkuzat Nazzarene Muscat. Il-guri gie ccelebrat fil-konfront ta' l-appellant Clayton Galea biss stante separazzjoni tal-gudizzju li sar permezz ta' digriet tal-Qorti Kriminali ta' l-1 ta' April 2008.

b'dan li minn dan il-perijodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati, kif ukoll li jhallas multa ta' hmistax-il elf euro (€15,000) [sitt elef erba' mija u disgha u tletin liri Maltin – Lm6,439.50], u jekk din il-multa ma tithallasx minnufih, tigi awtomatikament konvertita fi tnax-il (12) xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll ikkundannatu jhallas is-somma ta' elf erba' mija u tmienja w hamsin euro w hames centezmi (€1458.05c) [sitt mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u erbgha u disghin centezmi – Lm625.94], import ta' sehemu ta' nofs l-ispejjez komuni li kienu jirrigwardaw kemm lilu kif ukoll lill-ko-akkuzat l-iehor Nazzarene Muscat u l-ispejjez intieri tal-perizja ta' Dr. Anthony Cutajar li kienet tirrigwarda biss lill-hati Clayton Galea u dan skond l-iskeda annessa mas-sentenza appellata li kellha tifforma parti integrali mill-istess sentenza, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-hati. Inoltre ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti, bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, liema distruzzjoni m'ghandhiex issehh hlief jekk fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza l-Avukat Generali b'nota jinforma lil dik il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi, u b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil dik il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta. Fl-ahharnett l-ewwel Qorti ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti, u ezaminata mid-difiza, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

**“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. E. Mallia, li jinsabu kollha registrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-**

**1. Li l-hati huwa ta’ eta` tenera w ghandu biss erbgha w ghoxrin (24) sena llum;**
**2. Li m’ghandux kazijiet ohra pendenti quddiem il-Qorti;**
**3. Li jidher illi l-kontestazzjoni tieghu f’dan il-guri ma kinitx wahda kapriccuza stante li addirittura gie liberat minn kap wiehed;**
**4. Li hekk kien hemm xi assocjazzjoni dina kienet ta’ darba wahda ghax ma rrizultax li kien hemm xi drabi ohra qabel;**
**5. Illi ma jidhirx li kien il-kaz li hu ffinanzja jew organizza l-assocjazzjoni, anki meta wiehed iqis il-mezzi w l-impjieg tal-hati;**
**6. Li dan kien x’aktarx l-uniku kaz fejn instabet htija biss ta’ assocjazzjoni w mhux ta’ xi reat iehor konness mad-droga da parti tal-istess hati w ghalhekk kien kaz *sui generis*;**
**7. Li ma nstabitx droga fil-pussess tal-akkuzat;**
**8. Li l-Qorti kellha diskrezzjoni wiesgha fl-ghoti tal-piena w l-piena kellha tirrifletti l-fattispeci tal-kaz.**

**“Qieset li l-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja rrimetta ruhu dwar l-ghoti tal-piena.**

**“Ikkonsidrat;**

**“Qieset li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap.101, meta l- Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta’ qabel tal-hati, l-kwantita` tal-medicina w x-xorta w l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, u/jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tlitt**

**mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (Eur.2329.37c), ekwivalenti ghal elf lira Maltin, izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf, erba' mija u tmienja w sittin Ewro u sebgha w sittin centezmu (Eur.116,468.67c), ekwivalenti ghal hamsin elf lira.**

**"Qieset ukoll il-kondotta aggornata tal-hati li minnha jirrizulta li, apparti xi nfrazzjonijiet tal-ligijiet tat-traffiku w xi reati ta' glied, l-akkuzat kien gja nstab hati ta' tentattiv ta' serq aggravat u gie liberat taht kondizzjoni kif ukoll li nsolenta w ipprova jhebb ghal zewg ufficjali tal-Pulizija w gie kkundannat ghal xahar prigunerija.**

**"Qieset ukoll xi zmien li l-hati lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi.**

**"Illi jidher mill-verdett tal-gurija li ghalkemm il-prosekuzzjoni ma pprovatx sal-grad tac-certezza morali li l-hati kellu l-pussess attwali jew kostruttiv, xjentement tad-droga raza tal-pjanta cannabis li ntremiet fl-ghalqa minn Nazzarene Muscat, kien hemm provi diretti u/jew indizzjarji bizzejjed biex jissodisfawhom sal-grad tac-certezza morali li kien jezisti r-reat ta' assocjazzjoni bejn il-hati w l-imsemmi Nazzarene Muscat biex tigi traffikata l-istess droga."**

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Clayton Galea ipprezentat fit-22 ta' April 2008 fejn talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma giex misjub hati tat-Tieni Kap tal-Att ta' Akkuza u li minnu gie lliberat u tirrevokaha in kwantu nstab hati ta' l-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuza billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi u fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija taht l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra nqas skond il-ligi; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; rat ir-rikors ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest ipprezentat mill-appellant fid-29 ta' Settembru 2008; rat id-digriet taghha tat-3 ta' Ottubru 2008 li permezz

tieghu akkordat dan il-beneficcju fil-pendenza ta' dan l-appell; ikkunsidrat:

**6.** Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jibda biex jilmenta dwar il-mod kif fl-Att ta' Akkuza l-Avukat Generali jallega fatti skorretti u li ma johorgux mill-process, fatti li, ghalkemm l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta direzzjoni cara dwar dan il-punt, dejjem jibqa' dak id-dubbju, remot kemm hu remot, illi l-gurat xorta jdahhal f'mohhu dawk il-kliem u jithalla jirrumina dwarhom. L-aggravju principali tieghu pero` jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlu l-gurati u jsostni illi legittimament u ragjonevolment il-gurija ma setghetx issib htija ghad-delitt ta' assocjazzjoni kontenuta fl-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza. Skond l-appellant, il-fatt illi l-gurija ma sabitux hati tat-Tieni Kap, cioe` ta' pussess aggravat, ifisser illi l-gurija kienet konvinta illi huwa qatt ma kien fil-pussess materjali jew kostruttiv ta' xi droga. Dan il-verdett, jghid l-appellant, igib mieghu anomalija. Dan ghaliex, isostni l-appellant, il-gurija waslet biss ghal konkluzjoni li gew ippruvati l-elementi tad-delitt ta' assocjazzjoni semplicement bil-presenza ta' l-appellant f'dak il-hin tas-1.30 p.m. tat-12 ta' Lulju 2004 meta Muscat kien fil-pussess ta' din id-droga. B'mod generali legittimament u ragjonevolment, isaqsi l-appellant, kif setghet qatt il-gurija tafferma li gie ppruvat l-element ta' ftehim car dwar bejgh u traffikar ta' droga meta fl-istess nifs qieghda tghid li l-appellant, li kien biss imbieghed minn Muscat xi tliet piedi, qatt ma kien fil-pussess kostruttiv ta' dik id-droga? Ikompli jsaqsi l-appellant, legittimament u ragjonevolment, il-ftehim car dwar bejgh u traffikar ghal liema droga kien qed jirreferixxi jekk mhux ghad-droga li kienet prezenti, u allura meta tirriferixxi ghal dik id-droga prezenti, kif seta' qatt l-appellant ma jkunx fil-pussess kostruttiv taghha meta proprju skond il-gurija kien qieghed jiftiehem dwarha? L-appellant imbaghad jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:

"C1. Data

"Mill-provi, l-unika data fejn l-esponenti kien materjalment prezenti hdejn persuna li wara nstab li kellha fil-pussess

taghha droga, kien fit-12 ta' Lulju 2004 ghall-habta tas-1.30 p.m.

"L-esponenti hawnhekk ser jghaqqad dak li ntqal qabel dwar l-iskorrettezzi fl-Att ta' Akkuza u dwar il-punt li l-Att ta' Akkuza kien isemmi x'kienet l-akkuza kontra Muscat u l-fatt li l-gurija giet informata millprosekuzzjoni li Muscat kien ammetta l-akkuzi kontrieh. Il-fatt li l-gurija kellha quddiemha l-figura ta' Muscat li nstabet fid-dar tieghu droga u attrezzi ohra konnessi mad-droga, probabbilment nissel fil-gurija li Muscat *ex admissis* kien spaccatur tad-droga jew fl-aghar ipotesi li kellu pussess ta' droga mhyux ghall-uzu esklussiv. Mela allura l-Att ta' Akkuza jirriferixxi ghal data ohra f'Gunju 2004, inbniet il-kongettura illi kien hemm data ohra fejn l-esponenti u Muscat kienu ghamlu ftehim. Dan it-tahwid fl-imhuh u ncertezzi hu frott ta' min irreddiga l-Att ta' Akkuza, li sikurament jisvija lil kull min jaqrah.

"Ghalhekk mill-provi tohrog data wahda msemmija fuq bazi ta' probabbilta` u ma hux eskluz illi l-gurija setghet hasbet illi kellha ukoll tikkonsidra xi dati ohra precedenti.

"<u>C2. Aktar minn persuna wahda</u>

"Mill-provi kif ga` nghad, ma giet allegata l-ebda persuna ohra li maghha l-esponenti seta' assocja ruhu hlief ma' Muscat. Il-fatt li l-gurija, kif issemma, kienet taf li Muscat ammetta l-akkuzi migjuba kontrieh, seta' gie skorrettement interpretat li la Muscat ammetta ghad-delitt ta' assocjazzjoni, is-socju tieghu kien bilfors l-esponenti. Dan il-punt ukoll issemma mill-prosekutur fir-replika tieghu. Jerga' jinghad li l-gurija kienet taf biex kien akkuzat Muscat peress li l-Att ta' Akkuza li nghatalha kien dak originali kontra Muscat u l-esponenti.

"B'dan il-mod id-difiza giet zvantaggata. Fl-arringa tad-difiza tieghu, id-difiza ma setghetx tidhol fi sqaq mudlam saabie tispjega li Muscat seta' kellu interess li jammetti z-zewg Kapi anke jekk kien jaf li ma kienx hemm provi fuq l-Ewwel Kap sabiex jiehu l-beneficcju tat-tnaqqis fil-piena,

peress li l-provi kienu skjaccanti dwar il-htija taht it-Tieni Kap tal-Att ta’ Akkuza.

“Ghalhekk, ghalkemm ma kienx hemm lanqas din il-prova bhala element, izda biss kongetturi u suspetti, il-fatt tal-ammissjoni ta’ Muscat kellha certa portata. Wiehed ma jisatx jargumenta li l-istess japplika ghat-Tieni Kap. Hawnhekk il-gurija probabbilment argumentat li l-pussess kien ta’ Muscat ghax ammess minnu u li allura la ma kienx hemm provi kontra l-espoennti, f’dan ir-rigward hu gie liberat.

<u>“C3. Ftehim car</u>

“L-esponenti jerga’ jtenni illi legittimaent u ragjonevolment ma hemm l-ebda prova diretta ta’ xi forma ta’ ftehim. Dan qed jinghad ghaliex il-Pulizija li xehdu f’dan il-kaz jghidu li fl-ebda mument ma semghu d-diskors li seta’ kien ghaddej bejn Muscat u l-esponenti. Mhux hekk biss, izda mill-prova tal-istqarrija tal-esponenti jirrizulta cahda kategorika li kien hemm xi ftehim jew diskors li jista’ jhammonta ghal ftehim dwar importazzjoni, bejgh u/jew traffikar ta’ droga. Anke jekk ghal grazzja tal-argument u ghal grazzja tala-rgument biss, dak li qal l-esponenti fl-istqarrija ma jigix emnut, ma hemm l-ebda prova diretta dwar dan l-element essenzjali ta’ dan id-delitt.

“Jinghad ukoll lui ma ngabet l-edba prova cirkostanzjali li tipprova dan l-element. Il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova tal-iskop tal-inkontru jekk mhux dak migjub mill-esponent fl-istqarrija tieghu. Mela anke hawn ma ghandha l-ebda prova cirkostabnzjali li turi li Muscat u l-esponenti ftehmu minn qabel biex jiltaqghu. Mhux talli ma hemmx provi cirkostanzjali li juru dan il-ftehim izda c-cirkostanzi juru mod iehor. Fir-rekwizitorja tal-prosekuzzjoni, l-abbnl iprosekuur informa lill-gurija li kien ser igib prova li l-esponenti u Muscat cemplu lil xulxin biex jiltaqghu. Din il-prova mhux biss ma saritx izda harget il-prova li dawn qatt ma kkomunikaw bit-telefon ma xulxin f’dak il-jum u sa gimghat qabel.

“Hemm cirkostanza ohra li turi li l-esponenti ma kellu l-ebda nvolviment dwar droga. Kif ingahd ma nstab xejn la fuq persuntu, la fil-karrozza u lanqas fil-post fejn kien joqghod.

“Id-deskrizzjoni tal-Pulizija dwar x’raw meta avvicinaw dik il-lokalita` juri wkoll li s-suggett li kien qed jigi diskuss bejn Muscat u l-esponenti ma kinitx droga. Il-pozizzjoi taghhom kienet hdejn ir-rota ta’ wara tal-Maruti precizament fejn Muscat ndika li kien sema’ hsejjes ta’ hsara fl-istess rota.

“It-tentattiv tal-Pulizija biex jippruvaw jaghtu wiehed x’jifhem illi dawn kienu qeghdin ihawdu xi haga bejniethom hi biss frott tal-immaginazzjoni. Il-fatt li l-Pulizija ma setghux jaraw l-idejn, kif jista’ qatt iwassal lil xi hadd sabiex jikkonkludi xi forma ta’ ftehim. Hu interssanti kif meta wiehed jara l-fedina penali tal-esponenti, isib proprju li l-Pulizija Decelis kellu precedentement incident mal-esponenti. Il-pulizija jfissru kif meta nizlu, l-esponenti baqa’ ccassat, li juri li hu ma kellux faham miblul u juri li ma kienx qed jifhem x’qieghed jigri. Hu ghalhekk mhux inkredulu l-esponenti meta jghid li ma rax lil Muscat jitfa l-baskett peress li probabbilment f’dak il-hin harstu kienet lejn il-Pulizija gejjin ghal fuqhom u ghalhekk kellu rasu mdawra.

“Il-prosekuzzjoni fin-nuqqas ta’ xi prova diretta jew indizzjarja dwar il-ftehim, ippruvat taghmel kapital fi sfera ta’ kongetturi dwar telefonati li kellhom gimghat qabel l-esponenti u Muscat. Fl-ewwel lok jinghad illi l-esponenti qatt ma cahad li kien jaf lil Muscat u/jew li cempillu precedentement. Fit-tieni lok ma ngiebet l-ebda prova li kwalsiasi konversazzjoni tat-telefon li setghet saret bejniethom kienet tikkoncerna droga. Fit-tielet lok il-fatt li l-esponenti kellu xi telefonati fil-11 u 12 ta’ Marzu 2001 ma jista’ qatt jigi interpretat li dawk id-dati jirriferixxu ghad-data tal-incident ghaliex l-espert qal car u tond li jezistu diversi possibilitajiet u spjegazzjonijiet ghal dan il-fatt.

“Mela legittimament u ragjonevolment fejn huma l-provi dwar il-ftehim car? Fejn huma l-elementi li l-guristi u l-gurisprudenza jaffermaw li hemm bzonn biex jigi ppruvat

dan l-element? Bir-rispett, tifli kemm tifli l-assjem tal-provi hemm biss suspetti u kongetturi li ma humiex prova la diretta u lanqas indizzjarja. Hu ghalhekk li dan il-verdett ma huwiex *safe and satisfactory*.

“C4. Modalita`

“Dan l-element hu ferm konness ma’ l-element ta’ qablu. Meta ma hemmx ftehim car *multo magis* ma jistax jinghad li hemm xi prova dwar modalita`. Minn imkien ma jirrizulta li l-esponenti ftiehem li jippromwovi lanqas li jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanza xi assocjazzjoni. Il-fatt li gie liberat mit-Tieni Kap tal-Att ta’ Akkuza u cioe` pussess aggravat ta’ droga, juri li legittimament u ragjonevolment ma setax jinstab hati tal-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza stante li, la ma kienx il-pussess ta’ droga fil-pussess tal-esponenti *multo magis* probabbilment ma kienx hemm ftehim dwar l-istess. Legittimament u ragjonevolment jekk kien qieghed jippromwovi, jikkostitwixxi jew jorganizza assocjazzjoni dwar bejgh u traffikar ta’ droga, kif seta’ qatt jigi liberat minn pussess ta’ droga illi allura sikurament kien fil-pussess kostruttiv taghha. Legittimament u ragjonevolment kif tista’ tiffinanza asocjazzjoni meta l-istess esponenti kellu biss somom ta’ flus ragjonevoli fuqu. Legittimament u ragjonevolment kif jista’ persubna jiffinanza assocjazzjoni meta l-assi tieghu huma tali li ma jurix somom adegwati sabiex tiffinanza.

“Hu ghalhekk illi dan hu verdett ibbazat fuq suspett u mhux provi minghajr dubbju dettat mir-raguni. Hu ghalhekk illi l-probabilita` hija li l-gurija nisslet mill-ammissjoni ta’ Muscat htija tal-esponenti b’implikazzjoni.

“Finalment anke jekk tiskarta u ma temminx dak li qal l-esponenti fl-istqarrija tieghu, ma jezistux il-provi ta’ dan l-element tant indispensabbli.

“Il-premess dwar l-elementi kollha rikjesti juru li dan id-delitt ma ghandux ezistenza legali fil-konfront tal-esponenti u ghalhekk ghandu jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.”

**7.** Il-ligi taghna tipprovdi li assocjazzjoni tezisti "malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu".[2] F'dar-rigward huwa utili li ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Novembru 2009 fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Steven John Lewis Marsden**:

**"11.** In the Godfrey Ellul case[3] mentioned by appellant, this Court had referred to what is said in **Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** in respect of conspiracy**:**

**'The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: *Mulcahy v. R*. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; *R. v. Warburton* (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; *R. v. Tibbits and Windust* [1902] 1 K.B. 77 at 89; *R. v. Meyrick and Ribuffi*, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: *O'Connell v. R.* (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1.** [4]

**….**

**'The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: *R. v. Parsons* (1763) 1 W.Bl. 392; *R. v. Murphy* (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a 'matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them': *R. v. Brisac* (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval i*n Mulcahy v. R.* (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317.'** [5]

**"12.** In the Godfrey Ellul case this Court had not stated that this is the position under Maltese law. However it is in

---

[2] Art. 22(1A) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul**, decided by this Court on the 17th March 2005.
[4] See para. 33-4, page 2690.
[5] *Op. cit.* Para. 33-11, page 2692.

agreement with what is stated therein as it is quite clear from the said quotation that evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon[6]. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself. Indeed the quotation from Archbold clearly states that a conspiracy may also be proved 'in the usual way' – so by means of direct evidence and/or circumstantial evidence which must be univocal, that is to say, that cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy…. As one finds stated in the 2008 Edition of **Blackstone's Criminal Practice** [7]

---

[6] See also **The Republic of Malta v. Steven John Caddick et** decided by this Court on the 6th March 2003 wherein it was stated: "… although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy. Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."

[7] OUP, p. 99, para. A6.24.

**'There are no special evidential rules peculiar to conspiracy. In *Murphy* (1837) C C & P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, *inter alia*, by direct testimony, secret recordings or confessions…'.**

"**13.** This appears to be also the position in Scots law. Professor Gerald Gordon, in his standard text **The Criminal Law of Scotland** [8] makes reference to the dictum of Lord Avonside in ***Milnes and Others*** (Glasgow High Court, January 1971, unreported) to the effect that "you can have a criminal conspiracy even if nothing is done to further it", adding that, indeed, this is the very essence of conspiracy[9]."

**8.** Interessanti wkoll dak li jghidu Timothy Jones u Michael Christie, fit-tieni edizzjoni tal-ktieb **Criminal Law** [10]:

**"Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of *mens rea*, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose.**

**"Lord Justice Clerk-Grant pointed out to the jury in *H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney* (1968): *"You won't often get eye-witnesses of the agreement***

---

[8] W. Green & Son Ltd. (Edinburgh), 1978, p. 203.
[9] See also the judgement of this Court of the 23 October 2008 in the names **The Republic of Malta v. John Steven Lewis Marsden**.
[10] Greens Concise Scots Law (Edinburgh), 1996, page 140, paras. 7-46 to 7-48.

***being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting."***

**"The evidence derived from such decisional process will not always be as unambiguous as the example in the previous paragraph. An individual who may appear at an early stage of the 'conspiracy' to be involved might not be firmly committed. This problem is raised in a crucial form by the absence of any requirement of proximity such as is to be found in the law of attempt.**

**"The cynical view of proof in conspiracy cases would be that the apparent difficulty in proving the agreement is to the advantage of the prosecutor. There is the danger that in stressing to the jury that a conspiracy can be proved inferentially, the judge may neglect to emphasise the necessity of proof *per se*."**

**9.** Fil-kaz in ezami, li kieku l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dak kollu allegat fil-parti espositiva ta' l-Att ta' Akkuza, allura m'hemmx dubju li l-akkuza ta' assocjazzjoni kienet tkun assodata. Izda hafna minn dak li naqraw f'din il-parti ta' l-Ewwel Kap hi biss frott ta' l-immaginazzjoni fertili ta' min irrediga l-Att ta' Akkuza. Effettivament il-prosekuzzjoni qed tibbaza l-argumenti taghha fuq l-istqarrija ta' l-appellant, ir-rapport ta' Martin Bajada u x-xiehda tal-Pulizija li raw lill-appellant u lil Nazzarene Muscat flimkien fis-1.30 p.m. tat-12 ta' Lulju 2004 fi Triq Tarxien, Bulebel. Il-prosekuzzjoni tghid illi filwaqt illi l-appellant fl-istqarrija tieghu jichad li kien jaf lil Nazzarene Muscat hlief in konnessjoni ma' tiswija ta' vettura, mir-rapport ta' Martin Bajada jirrizultaw aktar kuntatti minn hekk. Il-prosekuzzjoni tirreferi ghal kuntatti bil-mobile. Tghid li deher stramb kif iffigura l-isem ta' Anna Muscat fuq sms. Tirreferi wkoll ghal kif l-isem ta' Marynin kien jinsab kemm fuq il-mobile ta' l-appellant kif ukoll fuq sim card li kien ghand Muscat. Din il-Qorti ezaminat fl-ewwel lok l-istqarrija ta' l-appellant u r-rapport ta' Martin

Bajada. Huwa utili li tigi riprodotta l-parti rilevanti ta’ l-istqarrija:

“D: Lil Reno Muscat inti tafu?
R: Reno Muscat ma nafx min hu.
D: Dak ir-ragel li waqaft tkellem il-bierah Bulebel tafu?
R: Iva nafu.
D: Kemm ilek tafu u kif tafu?
R: Darba kont mort biex nirranga karrozza ghandu.
D: Kemm ilu dan?
R: Kemm ilu ma nafx.
D: X’tip ta’ karrozza kienet?
R: X’tip ta’ karrozza kienet ma nafx.
D: Il-bierah x’waqaft taghmel Bulebel hdejn dak li inti ma tafx x’ismu?
R: Waqaft biex nara jekk kellux bzonn xi haga, nghid illi mera rajtu jiena hu kien qieghed mar-rota ta’ wara.
D: X’ghidtlu inti?
R: Jiena staqsejtu jekk kellux bzonn xi haga u hu qalli li kien sema’ hamjatura ma’ rota ta’ wara u fil-pront gew il-Pulizija.
D: Kif tafu lil dan il-bniedem?
R: Nghid illi mieghi m,’hemmx ismijiet, jew nghidlu haw ras, siehbi, pajs hu hemm.
D: Qatt tkellimt ma’ dan ir-ragel li sewwilek il-karrozza fuq il-mobile phone?
R: Meta sewwili l-karrozza iva.
D: Ricenti bhal dawn l-ahhar sebat ijiem tkellimtu fuq it-telephone?
R: Le.
D: Kif tispjega l-fatt li fuq il-mobile tieghu u tieghek hemm immarkat li kien hemm kuntatt bil-mobile phone?
R: Mhux vera ghax jiena nghid li lil dan il-bniedem jiena ma cempiltlux.”

**10.** Din il-Qorti tosserva illi mhuwiex verosimili illi l-appellant ha karozza ghand Muscat ghat-tiswija u la jaf kemm ilu u lanqas jaf x’tip ta’ karozza kienet. Wara kollox ma jirrizultax illi l-appellant hu xi *car* dealer li jghaddu minn idejh bosta karrozzi. Ghalhekk gustament il-prosekuzzjoni

ndikat li t-twegibiet li l-appellant ta ghal dawn il-mistoqsijiet fl-istqarrija tieghu huma suspetti. Fl-istess hin ma jistax jinghad illi huma indizji ta' assocjazzjoni bi ksur ta' l-artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi jista' jkunu indizji ghal ksur ta' ligijiet ohra kriminali. Izda xorta huwa l-kaz li tinxteghel mill-ewwel bozza hamra.

**11.** Issa, minghand l-appellant gew elevati mobile Nokia bin-numru 99270734 u mobile iehor Samsung filwaqt illi minghand Nazzarene Muscat gie elevat mobile Panasonic bin-numru 99454999. Mir-rapport ta' Martin Bajada jirrizulta illi fuq il-mobile ta' l-appellant kien hemm zewg *missed calls* mill-mobile ta' Nazzarene Muscat fil-11 ta' Marzu 2001 u fit-12 ta' Marzu 2001[11] u *received call* fit-12 ta' Marzu 2001[12] mill-mobile ta' Muscat. Martin Bajada xehed illi dawn ma kinux id-dati reali u dan jew ghax biddlu l-mobile stess jew ghax qalaghlu l-batterija.[13] Il-prosekuzzjoni ppruvat tinsinwa illi dawk it-telefonati saru fil-11 u 12 ta' Lulju 2004. Il-prova dokumentarja ma tirriflettix dan. Sahansitra mid-dettalji li jirrigwardaw il-mobile ta' Nazzarene Muscat m'hemm l-ebda evidenza ta' telefonati lill-appellant fil-11 u fit-12 ta' Lulju 2004.[14] Il-prosekuzzjoni rreferiet ukoll ghal sensiela ta' telefonati li saru f'Gunju 2004. Jirrizulta li fil-21 ta' Gunju 2004 l-appellant ircieva telefonata mill-mobile ta' Muscat u sitt telefonati f'distanza ta' sekondi wiehed mill-iehor fit-22 ta' Gunju 2004[15]. Dawn l-istess telefonati huma rispekkjati fid-dettalji li jirrigwardaw il-mobile ta' Muscat.[16] Imbaghad fit-23 ta' Gunju 2004 tirrizulta telefonata mill-mobile ta' l-appellant lil Muscat[17] li tinsab rispekkjata fid-dettalji tal-mobile ta' Muscat.[18] F'dan l-istat ta' provi huwa evidenti li l-appellant ma giex kontradett meta fl-istqarrija tieghu cahad li kien kellem lil Muscat bil-mobile fl-ahhar sebat

---

[11] A fol. 128 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[12] A fol. 130 *ibidem*.
[13] Il-batterija tan-Nokia ta' l-appellant u dik tal-Panasonic ta' Nazzarene Muscat fil-fatt inqalghu mill-Pulizija li arrestawhom. P.S. 1429 Eric Mangion qal li dan ghamlu biex zgur ma jsirux telefonati.
[14] Skond Martin Bajada dan jista' jkun jew ghax id-*dialled calls* fuq il-Panasonic thassru jew ghax is-*service provider* ma jzommhomx ghax dak li jinteressah huwa l-*active calls*.
[15] A fol. 140 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[16] A fol. 239 *ibidem*.
[17] A fol. 180 *a retro ibidem*.
[18] A fol. 207 *ibidem*.

ijiem, anzi l-provi tal-prosekuzzjoni jikkorroboraw dan. Jikkorroboraw ukoll il-fatt illi kien hemm zmien – madwar tliet gimghat qabel – fejn sar jew kien qieghed jipprova jsir xi tip ta' kuntatt bejniethom. U l-appellant qal fl-istqarrija tieghu illi l-uniku kuntatt bil-mobile bejniethom kien meta ha karrozza ghand Muscat ghat-tiswija. Jigifieri wara t-23 ta' Gunju 2004 m'hemm l-ebda prova illi sar xi kuntatt bejn l-appellant u Muscat.

**12.** Il-prosekuzzjoni rreferiet ukoll ghad-dettalji li jirrigwardaw is-Samsung[19] elevat minghand l-appellant. Minn hemm jirrizulta sms minghand xi hadd "Marynin" fit-30 ta' Gunju 2004 fil-11.59 bil-messagg "Trid tigi issa jew". Fost l-smses fuq il-mobile ta' Nazzarene Muscat kien hemm l-istess messagg li, ghalkemm mhux bl-isem "Marynin", jidher li kien gej min-numru 99804534 u huwa datat 30 ta' Gunju 2004 fil-11:59:49. Mill-*phone books* kemm tan-Nokia (ta' l-appellant) kif ukoll tal-Panasonic (ta' Muscat) hemm isem "Marynin" imnizzel bin-numru tal-mobile 99804534. Minn dak li spjega Martin Bajada fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti – u din il-Qorti semghet ir-registrazzjoni tat-tape – jidher illi biex l-sms ta' "Marynin" gie registrat fuq is-Samsung, is-sim card tal-Panasonic xi darba kien inserit fis-Samsung. Il-prosekuzzjoni inoltre attirat l-attenzjoni wkoll ghall-fatt li fuq is-Samsung fl-sms *outbox* kien hemm sms li kien jaqra "MUSCAT ANNA DOLCE VITA TRIQ XANDRU PULIS ZEJTUB ZTN06" liema indirizz huwa dak ta' Nazzarene Muscat. Dawn il-fatti jindikaw illi kien hemm aktar kuntatt bejn l-appellant u Nazzarene Muscat milli l-appellant irid jaghti x'jifhem. Izda dawn huma necessarjament indizji li bejniethom kien hemm assocjazzjoni ai termini ta' l-imsemmi artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101? Biex ikun hemm assocjazzjoni jrid ikun hemm ftehim bejn mill-anqas tnejn min-nies dwar il-modalita` ta' kif se titmexxa l-assocjazzjoni. Minn dan kollu li ntqal s'issa m'hemm l-ebda evidenza ta' xi ftehim ta' dan il-generu.

**13.** Din il-Qorti se tghaddi issa biex tikkunsidra x-xiehda ta' P.S. 1429 Eric Mangion u ta' P.C. 649 Darren Decelis.

[19] A fol. 257 *ibidem*.

Dawn kienu hargu fuq rapport dwar van misruq u x'hin ghaddew minn Tarxien Road, Bulebel, raw Ford Mondeo u Maruti Jeep weqfin biswit hajt tas-sejjiegh u zewg persuni fuq in-naha ta' wara tal-Maruti mal-genb tal-hajt. Se tigi riprodotta l-ewwel il-parti rilevanti mill-istqarrija ta' l-appellant:

"D: Dan ir-ragel li gie arrestat mieghek wara li ntlemah jarmi basket bir-raza tal-cannabis qed jghid li l-bierah int cempiltlu fuq bicca xoghol dan veru?
R: Le, le.
D: Inti rajtu jarmi l-basket?
R: Le.
D: Jekk nghidlek li l-bierah inti u Reno Muscat kontu qed tinnegozjaw ir-raza tal-cannabis xi tghid?
R: Mhux veru.
D: Ta' min kienet ir-raza tal-cannabis li rema Reno, tieghek jew tieghu?
R: Ma nafx, tieghi mhix zgur."

**14.** P.S. 1429 Eric Mangion xehed li l-persuni li ra kienu qed iharsu lejn xulxin. Gieh suspett li kienu qed jaghmlu xi haga hazina. Qal li rahom qishom qed jiftehmu xi haga bejniethom, qishom qed jimmaniggjaw xi haga. Waqfu hdejhom, nizel u ra lil Muscat jarmi xi haga fl-ghalqa wara l-hajt tas-sejjiegh. Dak il-hin ma ra lill-appellant jaghmel xejn. P.C. Decelis qabez il-hajt u gie lura b'baskett tal-Wella li kien jikkontjeni r-raza. P.S. Mangion qal li kif ra l-oggetti fil-baskett saqsa x'inhu u filwaqt li Muscat qal li ma rema xejn, l-appellant ma qal xejn. Fuq Muscat instabet is-somma ta' Lm1,140 izda l-appellant ma kellu xejn. In kontro-ezami P.S. Mangion qal li huma u sejrin fid-direzzjoni taghhom ma ra xejn f'idejhom, ma ra l-ebda baskett u ma semghu l-ebda diskors bejniethom.

**15.** P.C. 649 Darren Decelis ikkonferma li hu u P.S. Mangion kienu hargu fuq rapport ta' vettura misruqa. Hu kien qed isuq il-vettura tas-servizz. Jghid li nnutaw zewg persuni li bdew jagixxu b'mod suspettuz . Mid-direzzjoni li kienu gejjin huma, l-appellant kien wiccu lejhom u Muscat dahru lejhom. Kienu qeghdin fuq in-naha ta' wara tal-Maruti fil-genb. Bdew qishom jaghmlu xi haga minn taht.

Imbaghad raw lil Muscat jarmi baskett go l-ghalqa. P.C. Decelis qal li x'hin ra hekk, huwa mar jaqbez ic-cint u gabar il-baskett. Dak il-hin haseb li kien jikkontjeni xi hadid. Elevaw il-mobiles minn fuq l-appellant u Muscat, u somma flus li kienet fuq Muscat. In kontro-ezami qal li jdejhom ma rahomx u x'kienu qed jaghmlu jdejhom ma setax jara. Sakemm kienu mexjin fid-direzzjoni taghhom ma ra l-ebda baskett. Wara li gie mfakkar b'dak li kien xehed fl-istruttorja, ikkonferma li kienu ghaddewhom u s-Surgent qallu jirriversja wahda malajr.

**16.** Dawn huma <u>l-unici</u> provi dwar dak li wassal ghall-arrest ta' l-appellant u Muscat fit-12 ta' Lulju 2004. Kif intqal, l-appellant ta spjegazzjoni dwar il-presenza tieghu dakinhar. Iz-zewg pulizija raw xi movimenti ta' l-idejn izda ma raw xejn f'idejn la l-appellant u lanqas f'idejn Muscat. Gihom suspett, waqfu u raw lil Muscat jarmi baskett – li eventwalment instab li kien jikkontjeni hames blokki raza tal-cannabis – ghal go ghalqa. Sabu somma flus fuq Muscat. Is-suspett tal-Pulizija ta l-frott. Izda jista' jinghad illi din tista' titqies bhala prova ta' ftehim? U jekk kien hemm ftehim, f'hiex kien jikkonsisti dan il-ftehim? X'inhuma l-mezzi li gew miftehma jew ikkumbinati? L-abbli prosekutur qal li kienu qeghdin jinnegozjaw. Jekk kienu qeghdin jinnegozjaw ma kienx hemm ftehim skond l-artikolu 22(1)(f) imsemmi. Interessanti huwa l-fatt illi skond il-verdett tal-gurati, l-appellant ma nstabx hati tat-Tieni Kap, dak ta' pussess aggravat. Mela fuqhiex kien il-ftehim? L-unika droga li qatt issemmiet fir-rigward ta' l-appellant kienet dik li l-Pulizija raw lil Muscat jarmi. Il-prosekuzzjoni tghid illi l-appellant ma jistax jitwemmen meta jghid illi ma rax lil Muscat jarmi l-baskett. Ir-ragunijiet pero` jistghu jkunu varji. Seta' wiegeb hekk biex ma jikxifx lil Muscat, jew biex jiddistanzja ruhu minn dak li ntrema, jew ghax verament inhasad meta tfaccaw il-Pulizija u ma nnutax il-moviment li ghamel Muscat. U anki jekk stess ra lil Muscat jarmi l-baskett, kif tista' tinferixxi "ftehim" minn dan il-fatt? Fl-ahhar mill-ahhar il-verita` setghet kienet dak li qal l-appellant, cioe` li waqaf biex jara jekk Muscat kellux bzonn xi haga. Il-fatt li waqaf bil-vettura tieghu quddiem il-Maruti ta' Muscat ma jfissirx necessarjament, kif issottomettiet il-prosekuzzjoni, li kienu mxew sal-post

wara xulxin jew li kienu miftehmin biex jiltaqghu hemm u wiehed stenna lill-iehor. Wara kollox meta ghaddew il-Pulizija, dawn ukoll ma waqfux mill-ewwel izda ghaddewhom u rriversjaw. L-appellant seta’ facilment ghadda lil Muscat u pparkja quddiemu.

**17.** Fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-verdett tal-gurati huwa bazat fuq suspett, forsi anke suspett qawwi, izda dan is-suspett ma jistax jirrimpjazza l-htiega li l-akkuza tigi ppruvata mill-prosekuzzjoni minghajr dubju ragjonevoli. U hawn kien jehtieg li jigi ppruvat li l-appellant kien kompartecipi f’assocjazzjoni sabiex tinbiegh jew tigi traffikata d-droga f’Malta, jew inkella li ppromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni. Mill-provi la jirrizulta ftehim u wisq anqas ma jirrizultaw il-mezzi li bihom kellu jsehh dak il-ftehim. Ghalhekk, u wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha kif intqal, u hadet in konsiderazzjoni l-varji sottomissjonijiet tad-difiza u tal-prosekuzzjoni, hi ta’ l-opinjoni li dan il-kaz jehtieglu jigi deciz taht il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 501 tal-Kodici Kriminali, fis-sens li l-appellant instab hati hazin fuq il-fatti tal-kaz peress illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx minghajr dubju ragjonevoli li kienet tezisti assocjazzjoni bi ksur ta’ l-artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**18.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant hati tat-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u li minnha lliberatu, izda thassar il-verdett u dikjarazzjoni ta’ htija dwar l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u minflok tiddikjara lill-appellant Clayton Galea mhux hati ta’ l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u minnha tilliberah, u b’hekk tilliberah minn kull akkuza, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------